MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 4/2012

**Anna Maria Cavallari**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Jannar 2012 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"L-Arbitru*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkunsidra*

*Illi l-appellata ġiet infurmata b'ittra datata 5 ta' Jannar 2009 li kienet tħallset iżżejjed fl-ammont ta' €6507.49 c fl-għoti tal-pensjoni tal-eta. Dana għall-perjodu minn 5 ta' Jannar 2002 sal-4 ta' Jannar 2008. Ir-raġuni mogħtija kienet li għamlet attivita ta' student hosting u ma ġietx iddikjarata lid-Dipartiment.*

*Illi b'ittra datata 22 ta' Jannar 2009, l-appellanti issottomettiet l-odjern appell tagħha.*

*Illi b'ittra datata 1 ta' Lulju 2009, id-Dipartiment irrisponda għal tali appell. Ġew esebiti ukoll dokumentazzjoni relattivi għad-dħul tal-appellanti – minnha stess provdut lid-Dipartiment kif ukoll il-workings ta' kif id-Dipartiment wasal għall-konklużjonijiet tiegħu.*

*Jirriżulta illi fit-18 ta' Lulju 2008 kienet saret spezzjoni mill-ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet fir-residenza tal-appellanti.*

*L-appellanti korrettement u ġenwinament ikkonfermat li kienet tagħmel attivita bi qliegħ ta' student hosting, pero innegat li għamlet xogħol ta' manicure/pedicure.*

*Id-Dipartiment aċċetta l-verżjoni tal-fatti tagħha li kienet tagħmel manicure kienet tagħmlu grattwitament biex tgħaddi ftit taż-żmien mal-ħbieb tagħha. Dana jinsab esebiti fl-atti tal-każ numru 1060/08.*

*Illi kienet l-istess appellanti li tat il-prova (Dok B) tar-rikavat tagħha minn din l-attivita ta' hosting lid-Dipartiment. Id-Dipartiment għamel il-kalkoli tiegħu fuq dawn l-istess dokumenti u wasal għall-konklużjoni tiegħu kif tinstab riportata fid-dok C esebit mar-risposta tad-Dipartiment.*

*In vista li l-appellanti kienet qed tipperċepixxi l-pensjoni mhux kontributorja, japplikaw għaliha r-regoli ta' otteniment fosthom 'means test' u 'periodical income test'. L-appellanti setgħet tagħmel attivita bi qliegħ, iżda dan l-introjtu tagħha ma setax jeċċedi ic-ceiling ta' €21.66 settimanali.*

*Fil-każ li taqbeż is-somma, titlef il-benefiċċju. Dan il-kambjament fiċ-ċirkostanza tagħha kellu jiġi rapportat lid-Dipartiment.*

1) *Fis-sena 2002, l-average tagħha kien €41.65 c. Jirriżulta overpayment ta' €1398,80c.*
2) *Fis-sena 2003, l-average tagħha kien €19.76 c*
3) *Fis-sena 2004 l-average tagħha kien €9,44c.*
4) *Fis-sena 2005 l-average tagħha kien €38.23. JIrriżulta overpayment ta' €1398.80c.*
5) *Fis-sena 2007 l-average kien €17.38 c.*

*Komplessivament is-somma għandha tkun €4060.90 u mhux €6507.49 kif mitlub mid-Dipartiment. Jiġi rilevat li l-metodu tal-kalkoli jikkombaċċja perfettament man-nota ta' sottomissjonijiet preżentati mill-appellanti.*

*In vista tas-suespost, l-Arbitru jdideċiedi billi jilqa' in parte l-appell u tirriduċi is-somma għal figura ta' €4060.90 c*

Id-Direttur tas-Sigurta Soċjali ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Arbitru u bhala punti in sostenn ta' l-objezzjoni tiegħu jissottometti illi l-Arbitru għamel komputazzjoni żbaljata tal-mezzi tal-appellata għall-intitolar lilha tal-Pensjoni tal-Eta. Huwa jgħid illi l-artikolu 66(1) tal-Kapitolu 318 jistipula illi għall-għoti tal-Pensjoni tal-Eta persuna trid tipprova illi hija jkollha l-eta ta' sittin sena u turi għas-sodisfazzjoni tad-Direttur li hija ċittadina Maltija u tirrisjedi Malta kif ukoll li l-mezzi tagħha, kalkolati skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurta Soċjali ma jkunx iżjed mill-ogħla rata ta' Pensjoni tal-Eta kalkolata hekk kif jipprovdi s-subartikolu tnejn tal-istess artikolu skont it-Taqsima II tas-Sitt Skeda tal-Istess Att. Id-Direttur jishaq illi in linea ma' din it-Taqsima IV tat-Tieni Skeda id-dħul kollu mingħajr ebda limitu għandu jitqies fil-kalkolu tal-mezzi tal-appellata. Huwa evidenti ghalhekk illi l-Arbitru fid-decizjoni tieghu ma kellux juża *ceiling* ta' €21.66 settimanali għal dan il-każ, liema *ceiling* ma jirrizulta mill-ebda disposizzjoni tal-ligi. Jgħid ukoll illi minkejja illi bid-dħul mill-*hosting* tal-istudenti l-appellata ma eċċeditx il-limitu ta' €14000, il-Pensjoni xorta kellha tiġi mnaqqsa sabiex in linea mal-artikolu 66 ma tkunx iżjed mill-ogħla rata ta' Pensjoni tal-Eta illi skond Taqsima II tas-Sitt Skeda hija dik ta' €96.40 fil-każ ta' persuni romol jew weħedhom.

Illi fir-risposta taghha, l-appellata tissolleva il-pregudizzjali tal-irritwalita ta'l-appell interpost mid-Direttur, billi tishaq illi l-istess huwa "fuori termine". Madanakollu b'verbal tal-5 ta' Frar 2013, l-appellata irtirat din il-pregudizzjali u kwindi il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess.

Illi sorvolat ghalhekk din il-kwistjoni ta' natura procedurali johrog mill-atti probatorji illi l-appellata ġiet infurmata b'ittra tal-5 ta' Jannar 2009 illi kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €6507.49 fl-għoti tal-pensjoni tal-eta, u dan għall-

perjodu mill-5 ta' Jannar 2002 sal-4 ta' Jannar 2008. Ir-raġuni illi ngħatatilha kienet illi hija għamlet attivita ta' *student hosting*. Jingħad illi l-appellata kienet tirċievi ukoll Għajnuna Medika.

Minn dik id-deċiżjoni Anna Maria Cavallari kienet appellat u l-Arbitru kien ikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur fuq ir-raġuni illi hija naqqset mill-obbligu tagħha illi tinforma lid-Dipartiment dwar it-tibdil fiċ-ċirkustanzi tal-mezzi tagħha. Minn dik id-deċiżjoni tal-Arbitru, hija appellat quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fejn b'sentenza tas-06 ta' Ottubru 2010 l-atti gew rinvijati lura lill-Arbitru billi gie deciz illi s-sentenza kienet karenti mill-motivazzjoni kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll ta' fatt b'mod specjali tal-kalkolazzjoni matematika dwar ir-rifuzjoni mitluba mid-Direttur.

Fis-16 ta' Jannar 2012 l-Arbitru ghadda ghat-tieni deċiżjoni dwar il-każ, fejn iddeċieda illi għal Anna Maria Cavallari kellhomu japplikaw ir-regoli ta' otteniment fis-sens illi l-introjtu tagħha ma setax jeċċedi ic-ceiling ta' €21.66 fil-ġimgħa. B'hekk mill-kalkoli maghmula minnu ghas-snin 2002 sa 2008 wasal ghal konkluzjoni illi s-somma ta' overpayment għandha tkun ta' €4060.90 u mhux €6507.49 kif mitlub mid-Dipartiment.

Illi l-appell dwar din it-tieni decizjoni idur mal-applikazzjoni zbaljata maghmula mill-Arbitru tal-ligi applikabbli ghal kaz tal-appellata. Illi l-artikolu 66 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi persuna tikkwalifika sabiex tircevi l-Pensjoni tal-Eta jekk:

> *"il-mezzi tagħha fil-ġimgħa, kalkolati skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ma tkunx iżjed mill-ogħla rata ta' Pensjoni tal-Età li, fil-każ ta' raġel miżżewweġ li martu tikkwalifika ukoll għal pensjoni bi dritt, tkun daqs 80%, u fil-każ ta' persuni romol jew persuni mhux miżżewġa, daqs 60% tal-paga minima*

*nazzjonali kif applikabbli għal persuni ta' tmintax-il sena jew iżjed kif stabbilita b'ordni ta' standard nazzjonali taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali matul il-perijodu li għalih dik il-persuna tkun dovuta u skont kif hemm speċifikat fit-Taqsima II tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att skont il-kategorija tagħha."*

**It-*Taqsima II tas-Sitt Skeda*** tistipula hekk:

*"għall-kategorija ta' Persuni romol jew waħedhom, jew persuna miżżewġa fejn il-konjuġi jirċievi Servizz Residenzjali Finanzjat mill-Istat bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 93* ***L-Ogħla Rata ta' Pensjoni tal-Età fil-ġimgħa*** *għandha tkun ta' €104.56."*

Imbagħad **TAQSIMA IV** tat-Tieni Skeda titkellem dwar kif ghandu isir il-kalkolu tal-mezzi u dana sabiex tigi stabbilita r-rata tal-Pensjoni tal-Età:

*"Sabiex jinħadmu x'inhuma l-mezzi għall-finijiet tal-artikoli 66 u 68, għandhom jitqiesu kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) dħul jew privileġġ skont kif imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda; u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, meta l-limiti indikati fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda jinqabżu, il-persuna li tkun qed titlob li tingħata Pensjoni tal-Età jew Pensjoni għall-Wens skont il-każ, għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik il-pensjoni:*

*Iżda fil-kalkolu tal-mezzi skont dan il-paragrafu, minflok il-limiti stipulati fil-proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, għandhom minflok jitqiesu fil-kalkolu tal-mezzi €14,000 fil-każ ta' persuna waħedha jew ta' armel jew armla jew €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa.*

*2. Il-mezzi li jinġabru, jew li jistgħu jinġabru, minn xi proprjetà, dħul jew privileġġ skont ma jidher fit-Taqsima I ta' din l-Iskeda għandhom jinħadmu bil-mod indikat fil-paragrafi 2 u 3 (bl-esklużjoni tal-paragrafu 3(a) u (d) tal-imsemmija Taqsima I); iżda hekk illi ma għandhomx jitqiesu:*

> *(a) l-ewwel €385 ta' dawk il-mezzi fil-każ ta' koppja miżżewġa; jew*
> *(b) l-ewwel €270 ta' dawk il-mezzi fil-każ ta' persuna mhux miżżewġa jew li tkun romlot; u*
> *(ċ) kull Għajnuna Medika, kull Allowance Supplimentari, Allowance tat-Tfal, Allowance għal Min Jieħu Ħsieb, Allowance għal Tifel b'Diżabilità jew Benefiċċju dwar il-Maternità li jitħallsu taħt dan l-Att; u (d) l-ewwel €470 li jsiru bi qligħ minn persuna li tagħmel ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal-ganċ u rakkmu ġewwa d-dar u li l-manifattura ta' dak l-artiġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku."*

Hi l-fehma ponderata ta' din il-Qorti illi s-sentenza tal-Arbitru, kif koncepita minnu, tiddifetta sew. Dan kemm guridikament kif ukoll logikament.

Minnha hu ferm difficli li wiehed jindividwa r-razzjonalita tal-motivazzjoni taghha. Ma huwiex maghruf liema huma dawk l-elementi utilizzati mill-istess Arbitru biex wasal ghal dik id-decizjoni tieghu. L-imsemmija deċiżjoni tħalli ħafna dubju dwar kif l-Arbitru għamel il-kalkolu tiegħu biex jasal għad-dħul *average* settimanali tal-appellata. Jibqa ħafna dubju ukoll dwar kif l-Arbitru ħadem l-ammont ta' *overpayment* da parti tal-appellata.

Pero li huwa żgur huwa illi jirriżulta biċ-ċar illi l-Arbitru ikkalkola illi hemm *overpayment* f'dawk is-snin meta l-medja tad-dħul tal-appellata kien jaqbeż il-€21.66 fil-ġimgħa, u ċioe fis-snin *2002 u 2005.* Din il-Qorti tosserva illi ir-

raġonament tal-Arbitru illi l-ammont ta' €21.66 għandu jkun ic-*ceiling* tal-introjtu tal-appellata għall-fini tal-kalkolu tal-intitolament tal-pensjoni tal-eta tagħha ma jirriżultax minn ebda mid-disposizzjonijiet tal-liġi hawn fuq kkwotati u li għandhom japplikaw għall-kawża odjerna. Fil-fatt l-Arbitru lanqas biss jindika liema disposizzjoni tal-ligi huwa mexa fuqha sabiex wasal ghal kalkolazzjoni tieghu, izda semplicement stqarr illi il-kalkolazzjoni minnu maghmula tikkombacja perfettament man-nota ta' sottomissjonijietypprezentata mill-appellata, liema nota il-Qorti ma setghetx tirrintraccja fil-kopja ta'l-atti mibghuta lilha mill-Umpire, ghalkemm mill-verbal tat-23 ta' Marzu 2011 hemm indikat li gew ipprezentati s-sottomissjonijiet mid-difensur ta'l-appellata.

Kull sentenza tirrikjedi li tkun sostenuta minn motivazzjoni. *"Motivazzjoni din li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox lill-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni*" **Gordon Agius -vs- Avukat Generali *et*", Appell, 20 ta' Dicembru, 2000**. Jigifieri, anke jekk mhux elaborata, il-motivazzjoni riedet tkun wahda adegwata u, almenu, sorretta minn *iter* ta' hsieb intelligibbli;

Ġie ritenut ukoll illi *"il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita` tal-gudizzju ma jistax jiehu short cut fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita`,b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja*" **- Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar", 19 ta' Novembru, 2001.**

Id-decizjoni li tat lok ghal dan l-appell taqa' sew fil-kategorija depinta mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena citata. Hi wahda "*short cut*" bla spjegazzjoni fuq liema bazi l-Arbitru wasal ghar-*ratio decidendi* tieghu. Din il-

Qorti ma tistax ghalhekk tqisha sufficjenti u razzjonali biex tkun tista’ taghmel raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi processwali.

Dan jinduci lill-Qorti biex tannulla l-istess sentenza u tirrimetti l-atti lura lill-Arbitru biex dan jipprovdi, b’mod li jinftiehem, motivazzjoni xierqa u logikament kompatibbli mad-decizjoni adottata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata u tirrimanda ghal darb’ohra l-atti lill-Arbitru biex dan jiddefinixxi u jiddeciedi l-kwestjoni quddiemu skond il-ligi.

L-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------